MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2008

Numru 843/2008

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

vs

Joseph Psaila

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Joseph Psaila ta’ 51 sena iben Francis u Martina nee’ Gauci mwieled Pieta’ fit-22 ta’ Frar 1957 residenti, ‘Arc en ciel’, No 32, Triq Antonio Nani, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 172557 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-9 ta’ Settembru, 2008 ghall-habta tas-6.35pm gewwa Triq Geronimo Abos, Iklin ;

1. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' gwardjani lokali G512 Karlu Micallef u G492 Fabio Cannavo u dan anke kif iccertifika Dr. Owen Mifsud M.D Reg.No 2953.

2. Attakka jew irrezista bi vjolenza gwardjani lokali G512 Karlu Micallef u G492 Fabio Cannavo waqt il-qadi ta' dmirijiethom ;

3. Ikkaguna hsara volontarja fuq l-uniformi ta' gwardjani lokali G512 Karlu Micallef u G492 Fabio Cannavo, hsara li ma tiskorrix mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47€), imma hija izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29€).

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

5. Hedded bil-kliem lill-gwardjan lokali G492 Fabio Cannavo ;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Settembru 2008 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta' 10 ta' Settembru 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta ta' 10 ta' Settembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat (esebita *a folio* 6 tal-process), l-fatt li ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221, 95, 325, 338 (dd) u 339 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------